**15 ta' Marzu, 1993**

**Imħallfin: –**

**S.T.O. Prof. Giuseppe Mifsud Bonnici LL.D. – President**
**Onor. Joseph A. Herrera Bl.Can., Lic.Can., LL.D.**
**Onor. Carmel A. Agius B.A., LL.D.**

Avukat Dottor Grazio Mercieca għan-nom u in rappresentanza tal-Bank of Valletta Limited

*versus*

Joseph Grixti

**Obbligazzjoni – Dilazzjoni – Novazzjoni**

*In vista ta' ittra tal-Banka attriċi lill-konvenut li kkonċediet dilazzjoni, il-Qorti tal-Kummerċ irriteniet illi kienet inħolqot novazzjoni u l-konvenut ġie kkundannat iħallas f'rati mensili.*

*Il-Qorti ta' l-Appell irriteniet illi la darba l-konvenut ma ħax il-passi neċessarji biex jifformalizza l-offerta tal-Bank, l-appell kellu jiġi milqugħ. Irrakkomandat lill-banka biex ma tesiġix aktar milli raġonevolment seta' jħallas il-konvenut u li l-konvenut kellu jkun sinċier u leali mal-Bank. Ġiet riformata s-sentenza appellata in kwantu ikkanonizzat l-kreditu u rrevokata inkwantu ddikjarata li s-sentenza mhux esegwibbli.*

1. Il-banka attriċi talbet lill-Qorti tal-Kummerċ biex tikkundanna lill-konvenut li jirrifondilha s-somma ta' erbat elef tmien mija u wieħed u sittin lira u erbgħin ċenteżmu (Lm4861.40ċ) lilu mislufa f'żewġ kontijiet separati;

2. Il-konvenut talab dilazjoni għaliex il-mezzi tiegħu ma jippermettulux li jħallas f'daqqa. Għandu l-mard fil-familja u għalhekk għandu jingħata dilazjoni;

Sussegwentement, il-konvenut ippreżenta nota ta' eċċezzjonijiet ulterjuri fejn espona illi b'ittra tat-30 ta' Mejju, 1989, mibgħuta mill-bank u kontrosenjata mill-konvenut, inħolqot novazzjoni u għalhekk billi huwa intitolat li jirrifondi bl-għoxrin lira (Lm20) kull xahar minn Ġunju, 1989 – Dokument B.O.V. 1;

3. Iċ-ċitazzjoni kontra l-konvenut kienet ġà ppreżentata fit-3 ta' Marzu, 1989, mentri l-ittra li għaliha saret riferenza mill-konvenut hija ddatata 30 ta' Mejju, 1989. Għalhekk il-konvenut jikkonċedi li ċ-ċitazzjoni ma kinitx intempestiva, imma dik l-ittra ħolqot novazzjoni u *"jus superveniens firmat actionem"*;

4. Il-kumpanija attriċi rribattiet illi l-allegata novazzjoni ma avverratx ruħha għaliex din kellha tieħu l-forma ta' kuntratt

solenni bejn il-partijiet kif hemm fl-istess ittra. Dan il-konvenut ma resaqx biex jagħmlu u l-proposta novazzjoni b'hekk ma seħħitx. Dan il-kuntratt biss seta' ttermina l-obbligazzjonijiet oriġinali u jwelled l-obbligazzjoni l-ġdida;

5. L-ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża fit-28 ta' Jannar, 1991, u qalet hekk:

"Il-konvenut isostni li dan il-ftehim ġdid jagħmel l-azzjoni proposta bħala intempestiva, b'applikazzjoni tal-prinċipju li *"Jus Superveniens Firmat Actionem"*;

Illi din il-Qorti hi tal-fehma illi din l-eċċezzjoni ma hijiex fondata fis-sens li l-azzjoni la darba kienet tempestiva meta ġiet proposta, ma saritx intempestiva issa li hemm il-ftehim ġdid dwar kif għandu jsir il-ħlas;

Però billi l-ftehim ġdid akkordat bejn il-partijiet jikkostitwixxi liġi għall-partijiet, din il-Qorti jidhrilha li għandha tirrikonoxxih u li għandha tagħtih effett;

Għalhekk sejra tagħti l-provvediment infraskritt;

Għal dawn il-motivi:

Fuq ammissjoni tal-konvenut tilqa' t-talba ta' l-attur *nomine* limitatament għas-somma ta' Lm4601.40 bl-imgħaxijiet mitluba iżda b'dan illi din is-sentenza ma hijiex esegwibbli immedjatament billi kif fuq intqal ġie miftiehem bejn il-partijiet li din is-somma titħallas mill-konvenut b'rati mensili ugwali konsekuttivi kull waħda ta' għoxrin lira Maltija (Lm20);

L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut;

Jibqa' riservat kull dritt ieħor spettanti lill-attur *nomine "si et quatenus"*;

6. Il-banka attriċi appellat għaliex ġaladarba t-talbiet tagħha ġew milqugħa l-ewwel Qorti, ma setgħetx, skond il-liġi, tirritjeni illi s-sentenza mhix esegwibbli għaliex hekk ftiehmu l-partijiet, u dan għaliex kif qalet l-istess sentenza, fl-*obiter dicta,* il-"ftehim" bejn il-partijiet ma seħħx għaliex il-kondizzjoni vitali – li kollox jiġi integrat f'kuntratt – ma avverratx ruħha;

7. Ftit għandha xi tgħid din il-Qorti fuq dan l-Appell. Huwa minnu illi l-konvenut naqas li – wara l-offerta li għamillu l-Bank bl-ittra tat-30 ta' Mejju, 1989, u li huwa aċċetta – jieħu l-passi neċessarji biex jara li dak li kien offert u aċċettat jiġi fformalizzat. U minn dik id-data sad-data tas-sentenza għaddew sena u seba' xhur;

Għalhekk l-appell irid jiġi milqugħ. Però issa li l-kreditu tal-banka se jiġi kkanonizzat, u din is-sentenza tikkostitwixxi t-titolu esekuttiv li l-Bank irid li jkollu – kif jidher ċar mill-kontenut ta' dik l-ittra – il-Qorti tirrakkomanda lill-kumpanija attriċi sabiex xorta waħda ma tesiġix mingħand il-konvenut pagament jew pagamenti aktar milli huwa raġonevolment jista' jħallas fiċ-ċirkostanzi diffiċli, li jinstab fihom. Min-naħa tiegħu l-konvenut għandu jkun sinċier u leali mal-Bank u għandu jinfurmah biċ-ċirkostanzi li minn żmien għal żmien jinbidlu;

L-appell kif intqal huwa milqugħ u s-sentenza ta' l-ewwel istanza hija riformata fis-sens illi hija kkonfermata inkwantu ikkanonizzat il-kreditu tal-kumpanija attriċi, u rrevokata għal

dik il-parti tagħha li fiha ddikjarat li s-sentenza mhix esegwibbli;

Spejjeż ta' l-ewwel istanza kif deċiżi, dawk ta' dan l-appell jibqgħu bla taxxa għaliex fil-mori tal-kawża, trattativa bħal dik ta' l-ittra tat-30 ta' Mejju, 1989, kellha tiġi, fl-ewwel lok tiġi mibgħuta lill-avukat tal-konvenut ġaladarba din il-kawża kienet diġà infetħet, il-kontestazzjonijiet tal-konvenut inħolqu proprju għaliex il-materja ma ġietx ittrattata bejn iż-żewġ avukati kif il-korrettezza u l-buon sens f'tali ċirkostanzi jiddettaw.